# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Jamie Camilleri**

**Seduta tal-11 ta' Frar 2019**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Jamie CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 554493M fejn ġie mixli talli nhar l-20 ta' Diċembru 2017 ġewwa dawn il-Gżejjer fil-Mosta, mingħajr ħsieb li

joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Erica Micallef Filletti f'periklu ċar, ħebb għaliha u kkaġunalha offiżi ta' natura gravi.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tipprovdi għas-sigurta ta' Erica Micallef Filletti u l-familja tagħha billi timponi d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 383 u 412C tal-Kodiċi Kriminali u dan fir-rigward tar-residenza tagħha u l-postijiet fejn hija tiffrekwenta.

Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulenti legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu, u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa kien inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-kopja taċ-ċertifikati mediċi eżebiti mill-Ispettur Nicholas Vella.

Inoltre il-Qorti semgħet lill-vitma Erica Micallef Filletti tiddikjara li hija kienet qegħda tirtira l-kwerela u tirrinunzja għall-azzjoni kriminali safejn dan kien possibbli. Sabiex tkun tista' tqis aħjar il-konsegweni tar-reat kommess mill-imputat fuq il-persuna tal-parte civile, il-Qorti rat li l-effetti fuq il-wiċċ, inkluż il-linejamenti, l-armonija u s-sbuħija tal-wiċċ tal-parte civile ma jidherx li kienu effettwati in kwantu minn *talking distance* ma jirriżultax li l-offiżi subiti minnha ħallewhla effetti ta' natura permanenti jew sfreġju.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

L-Uffiċjal Prosekutur tenna li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija, u li l-Prosekuzzjoni ma kientx qegħda tinsisti għal piena karċerarja f'dan il-każ u dan in vista wkoll tal-fatt li l-parte civile kienet irtirat il-kwerela.

Minn naħa tagħha d-Difiża aderiet mas-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni filwaqt li saħqet li l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri kif ukoll li l-imputat kellu fedina penali relattivament nadifa, kif ukoll li kien irriżarċixxa lill-parte civile id-danni sofferti minnha kif ukoll li dan kien inċident waħdieni u li fil-preżent il-kuntatt bejn il-partijiet spiċċa. Id-Difiża saħqet li f'dan il-każ ma kienx opportun li l-imputat jiġi mogħti piena karċerarja effettiva.

Inoltre semgħet lill-imputat jiddikjara li huwa kien qiegħed japoloġizza mal-parte civile għal dan l-inċident.

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tad-19 ta' Jannar 2019 il-*Probation Officer* Joseph Mizzi li ppreżenta r-rapport tiegħu minn fejn jirriżulta li l-imputat kien kandidat idoneju sabiex iwettaq ordni ta' servizz fil-komunita', għalkemm saħaq li kien aktar għaqli li l-imputat jingħata ordni ta' probation bil-kundizzjoni li jattendi *anger management program*.

## DECIDE

li wara li rat l-Artikoli 214 u 216(1)(a)(ii)(d) tal-Kodici Kriminali qegħda ssib, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, lil **Jamie CAMILLERI**, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Illi kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti qieset li l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri kif ukoll li huwa kellu fedina penali hija waħda relattivament nadifa. Inoltre jirriżulta wkoll li huwa kien irriżarċixxa lill-*parte civile* l-ispejjeż sofferti minnu qabel is-seduta tal-lum. Inoltre l-imputat apoliġizza mal-parte civile fil-Qorti bil-miftuħ għall-azzjoni tiegħu u minn naħa tagħha l-parte civile ħafritlu u rtirat il-kwerela interposta minnha.

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2, 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt ordni ta' *probation* u servizz, fis-sens illi:-

(a) tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sena millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u

(b) tqiegħed ukoll lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal **mitt siegħa** f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul

it-terminu tal-ordni ta' *probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u *Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre tordna li l-Ordni ta' protezzjoni maħruġ nhar it-8 ta' Mejju 2018 jibqa' fis-seħħ sa tliet snin mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-atti tal-kawża jiġu trasmessi lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem.

***Mogħtija illum, 11 ta' Frar 2019 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

Ammissjonijiet/preżentati/probation order/servizz fil-komunita

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNI TA' *PROBATION***

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum:** ***11 ta' Frar 2019***

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Jamie CAMILLERI**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Jamie CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 554493M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation* u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' *Probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' **sena** millum, ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Għalhekk **tordna** li l-ħati **Jamie CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 554493M ikun għal perjodu ta' **sena** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' *Probation* taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-*Probation* Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-*Probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-*Probation* b'kull bdil li talvolta tagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-*Probation* skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-*Probation*; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-*Probation*.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra, u b'mod partikolari li jsegwi programm kontra r-rabja (*anger management program*).

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Jamie CAMILLERI**

***Christianne Borg,***

***Deputat Registratur***

***Aaron M. Bugeja,***

***Maġistrat***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'**

(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

***Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum:** ***11 ta' Frar 2019***

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Jamie CAMILLERI**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita'

Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Jamie CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 554493M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed jiġi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Għalhekk, tordna li l-ħati **Jamie CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 554493M u residenti Florida Flats, 1, Triq il-Fortizza, l-Mosta jagħti **mitt (100) siegħa** xogħol/servizz fil-komunita' li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* liema xogħol/servizz

għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita', jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita';

3. Li jwettaq b'mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;

4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;

5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali

tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';

6. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';

7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita'.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti.***

**Jamie CAMILLERI**

**Christianne Borg,**

**Deputat Registratur**

***Aaron M. Bugeja,***

***Maġistrat***